17 ta' Frar, 1950

Imhallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Carmela Galea *versus* Giuseppe Cachia et.

**Ċitazzjoni — Dokumenti — Liberazzjoni "ab observantia" — Riferenza.**

***Meta ċ-ċitazzjoni mhux meħtieġ li jiġu prodotti dokumenti li fuqhom kienet ipoġġuta t-talba, meta dawk id-dokumenti qa jeżistu taħt l-awtorità tal-Qorti. Sempliċi riferenza għal dawk id-dokumenti hija biżżejjed, u ma hemmx bżonn li tiġi eżibita kopja uffiċjali tagħhom.***

***Għaldaqstant, meta jagħti każ simili, ma hemmx lok għall-liberazzjoni tal-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju minħabba nuqqas ta' produzzjoni ta' dawk id-dokumenti.***

**Il-Qorti** — Fuq l-att taċ-ċitazzjoni nru. 208 ta' l-1949 quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, fejn l-attriċi talbet li, wara li jsiru l-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u jingħataw il-provvedimenti kollha xierqa, tiġi revokata l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' qbid nru. 309 ta' l-1948, maħruġ minn dik il-Qorti fid-9 ta' Awissu 1948 fuq talba tal-konvenut Giuseppe Cachia kontra l-konvenut Paolo Galea, u jiġu revokati l-atti tas-subasta sussegwenti intentati kontra l-istess konvenut Paolo Galea fuq rikors ta' l-istess konvenut Giuseppe Cachia tat-18 ta' Novembru 1948 (dok. A u B eżibiti ma' l-atti tal-kawża fl-istess ismijiet tallum ċeduta quddiem dik il-Qorti fil-11 ta' Frar 1949, li għalihom l-attriċi tagħmel riferenza), limitatament għall-oġġetti ndikati bin-numri 1, 3, 5, 6, 8 u 9 fir-riferta tal-marixxall li hemm wara l-imsemmi mandat; u dan billi dawk l-oġġetti jappartjenu esklużivament lill-attriċi bħala dota tagħha, kif jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tad-19 ta' Mejju 1949, fejn dik il-Qorti ħelset lill-konvenuti mill-ħarsa tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attriċi; wara li kkunsidrat;

Illi l-attriċi ma ppreżentatx id-dokumenti li fuqhom qiegħda tagħmel il-kawża, għalkemm il-Qorti rrikjamat lilha l-attenzjoni għal dan in-nuqqas, u sempliċi riferenza għall-atti li jeżistu fl-Arkivju tal-Qorti mhix biżżejjed, għax il-Qorti għand-

ha jkollha quddiemha l-atti prinċipali li fuqhom hi bażata l-kawża u mhix supposta li tissospendi l-kawża biex tagħmel dak li jmissha għamlet qabel l-attriċi ħalli tfittex u ġġib quddiem il-Qorti l-atti neċessarji; u l-liġi espressament tiddisponi li għandhom jiġu preżentati d-dokumenti kollha meħtieġa;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi u l-petizzjoni tagħha fejn talbet ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza, u li l-atti jiġu rinvijati quddiem l-Ewwel Qorti biex il-kawża tiġi trattata fuq il-meritu, jew li jiġu mogħtija provvedimenti oħra li jidhrilha biex tkun tista' ssir it-trattazzjoni fuq il-meritu u tiġi mogħtija deċiżjoni fuqu skond il-liġi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti tilmenta illi r-riferenza għad-dokumenti eżistenti taħt l-awtorità ta' l-istess Qorti tiswa daqs produzzjoni tal-kopja ta' l-istess dokumenti—kollox f'ġieh il-prinċipju ta' l-ekonomija taż-żmien u spejjeż fil-proċeduri ġudizzjarji;

Illi kif ġie kostantement ritenut minn dawn il-Qrati, speċjalment fis-sentenzi "Ciantar vs. Fenech" (Vol. XXIX—I—935) u "Borg et. vs. Milanesi" (Vol. XXV—I—295), is-sempliċi riferenza għall-atti ta' l-istess Qorti hija biżżejjed, u ma hemmx bżonn il-produzzjoni ta' kopja uffiċjali ta' l-istess atti;

Għal dawn ir-raġunijiet, tilqa' l-appell ta' l-attriċi u tirrevoka s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti. Tordna li l-proċess jiġi rinvijat lill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re, biex il-kawża tiġi trattata u deċiża fil-meritu. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut Paolo Galea, debitur eżekutat.